DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/345

tat-2 ta' Marzu 2015

li temenda d-Deċiżjonijiet 2009/563/KE, 2009/564/KE, 2009/578/KE, 2010/18/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE u 2011/383/UE sabiex tittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil ċerti prodotti

(notifikata bid-dokument C(2015) 1286)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(c) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE ([2]) tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2015.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/564/KE ([3]) tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2015.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/578/KE ([4]) tiskadi fit-30 ta' Novembru 2015.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE ([5]) tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE ([6]) tiskadi fit-28 ta' April 2015.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE ([7]) tiskadi fit-28 ta' April 2015.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE ([8]) tiskadi fl-24 ta' Ġunju 2015.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE ([9]) tiskadi fit-28 ta' Ġunju 2015.

(9) Saret valutazzjoni biex tkun evalwata r-rilevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2009/563/KE, 2009/564/KE, 2009/578/KE, 2010/18/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE u 2011/383/UE. Billi għadu għaddej eżami tal-kriterji ekoloġiċi attwali u tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika stipulati f'dawk id-Deċiżjonijiet, jixraq li l-perjodi ta' validità ta' dawk il-kriterji ekoloġiċi u tar-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika jittawlu. Hekk kif jeżistu stadji differenti tal-proċessi ta' eżami, il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u tar-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/563/KE għandu jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2015 u l-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2009/564/KE, 2009/578/KE, 2010/18/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE u 2011/383/UE għandhom jittawlu sal-31 ta' Diċembru 2016.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 27).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/564/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' post ta' kampeġġ (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 36).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/578/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja lis-servizz ta' akkomodazzjoni turistika (ĠU L 198, 30.7.2009, p. 57).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għal kisi tal-injam tal-art (ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 22).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 34).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 40).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tat-tindif b'użi multipli u deterġenti tat-tindif sanitarji (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 52).

(10) Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet Nri 2009/563/KE, 2009/564/KE, 2009/578/KE, 2010/18/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE u 2011/383/UE għandhom jiġu emendati.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/563/KE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'xedd tas-saqajn', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2015."

Artikolu 2

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/564/KE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'servizz ta' post ta' kampeġġ', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 3

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/578/KE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'servizz ta' post ta' akkomodazzjoni turistika', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 4

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2010/18/KE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'kisi tal-injam tal-art', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 5

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/263/UE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 6

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/264/UE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 7

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/382/UE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 8

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/383/UE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti tat-tindif b'użi multipli u deterġenti tat-tindif sanitarji', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Karmenu VELLA

Membru tal-Kummissjoni